# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S. T. O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 8**

**Rikors Numru 27/14 JZM**

**Filppa Seguna, Victoria Seguna, Joseph Seguna, Mario Seguna, Charles Seguna u Joan Mizzi**

**v.**

**Avukat Generali u Direttur Qrati Civili u Tribunali**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimat Avukat Generali minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fid-29 ta' Frar 2016 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet il-kawza billi: laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali [id-Direttur] illi mhuwiex il-legittimu kontradittur u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju; astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess intimat;

cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat Generali; laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni li t-trapass taz-zmien u d-dewmien irragjonevoli li ttiehed sabiex gew konkluzi l-proceduri civili 42/93AF fl-ismijiet **Joseph Gatt v. Carmelo Seguna** illeda u qed jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea dwar id-Drittijiet Fudamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [il-Konvenzjoni]; laqghet it-tieni talba billi, ghal-lezjoni mgarrba mir-rikorrenti, ordnat lill-intimat Avukat Generali jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ hamest elef Euro [€5,000] bl-imghax legali b’effett mid-data tas-sentenza; ordnat ukoll lill-intimat Avukat Generali sabiex ihallas l-ispejjez, hlief ghall-ispejjez relatati mal-intimat Direttur li ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.

**<u>Mertu</u>**

2. F’dawn il-proceduri, ir-rikorrenti qeghdin jallegaw li fil-kawza fuq indikata gie vjolat id-dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u dan ghaliex il-proceduri ilhom ghaddejjin ghal dawn l-ahhar tlieta u ghoxrin (23) sena u sallum ghadhom mhumiex definittivament konkluzi.[1]

3. Il-kawza kontestata titratta dwar proceduri civili li fihom l-attur

[1] L-atti kollha tal-kawza msemmija kienu gew trasfuzi f'isem ir-rikorrenti odjerni bhala eredi ta' Carmel Seguna li miet fil-mori ta’ dawk il-proceduri. Ir-rikorrenti (allura intimati) appellaw permezz ta' rikors ipprezentat fil-5 ta' Marzu 2014, liema appell ghadu ma giex appuntat.

Joseph Gatt talab ir-rexissjoni tal-kuntratt u konsegwenti rifuzjoni tal-prezz imhallas mill-istess attur lir-rikorrenti (allura konvenuti), ghall-bejgh ta' ziemel tat-trott bl-isem ta' *Sapphire Brillouard*, in kwantu allegatament dan ma kienx tal-kwalita` miftehma u pattwita bejn il-partijiet u/jew il-kunsens tal-attur kien fil-mument tal-bejgh vizzjat minn zball li jolqot is-sustanza tal-haga nnifisha li kienet l-oggett tal-ftehim, u/jew minhabba li dan il-kunsens kien karpit b'qerq ipprattikat mill-konvenut Carmel Seguna.

4. Ir-rikorrenti, allura konvenuti, tilfu l-kawza b'dan li b'sentenza datata 13 ta' Frar 2014, huma gew ikkundannati jirrifondu lura s-somma mhallsa lilhom bhala prezz taz-ziemel, kif ukoll l-imghaxijiet kollha skont il-ligi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, jew ahjar mill-15 ta' Jannar 1993, sad-data tal-pagament effettiv.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "**Il-provi fil-kawza tal-lum huma kostitwiti minn estratti mill-atti tal-kawza fl-ismijiet : *"Joseph Gatt vs Carmelo Seguna" (Citaz. Nru. 42/1993)* : li ghalkemm deciza fl-ewwel istanza, hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.**
>
> "**III. <u>Sottomissjonijiet</u>**

"**1)** **Ir-rikorrenti**

"Ir-rikorrenti jirreferu ghall-fatti.

"Jissottomettu illi fil-**15 ta` Jannar 1993**, Joseph Gatt pprezenta kawza kontra Carmel Seguna, illum mejjet.

"Fil-mori tal-kawza, miet anke Carmel Seguna ; ghalhekk l-atti kienu trasfuzi fl-isem l-eredi tieghu, u cioe` r-rikorrenti fil-kawza tal-lum.

"Fl-ewwel istanza, il-kawza kienet deciza fit-**13 ta` Frar 2014**.

"Sar appell li **sal-lum** ghadu mhux appuntat.

"Fl-ewwel istanza, il-kawza kienet deciza kontra r-rikorrenti, fejn bhala mertu kienu ordnati jirrifondu mhux biss l-ammont minnhom reklamat mill-attur, izda wkoll l-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

"Daqstant dwar il-fatti.

"Ir-rikorrenti jikkontendu illi skont l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni huwa dritt fondamentali tal-persuna li kawza tinstema` u tkun deciza fi zmien ragjonevoli. Jaghmlu referenza ghad-decizjonijiet tal-ECHR : **Vocaturo vs Italy** deciza fil-24 ta` Mejju 1991 ; **G.H vs Austria** deciza fit-3 ta` Ottubru 2000 ; u **Dumonovski vs The Former Yugoslav Republic of Macedonia** deciza fit-8 ta` Dicembru 2005 ; u d-decizjonijiet tal-Qrati taghna : **John Saliba vs Avukat Generali et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-24 ta` April 1998 ; **John Bugeja vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` Awissu 2003 ; **Raymond Bonnici et vs Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta` Marzu 2015 ; **David Martinelli vs Avukat Generali** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta` Lulju 2008 ; **Francis Theuma vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Gunju 2003 ; u **John A Said vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta` Novembru 2011.

"Ighidu r-rikorrenti illi skont il-gurisprudenza, wiehed mill-elementi li ghandhom jigu kkunsidrati sabiex jigi determinat jekk id-dewmien kienx gustifikabbli jew le huwa n-natura komplessa tal-kaz. Ir-rikorrenti jghidu li l-kaz tal-lum kien dwar il-bejgh ta` ziemel tat-trott bl-isem *Sapphire Brillouard*, fejn l-attur Joseph Gatt kien talab ghal rifuzjoni ta` somma mhallsa ghaz-ziemel akkwistat minnu, peress li z-ziemel ma kienx tal-kwalita pattwita. Billi kien allegat li z-ziemel kellu xi mankanzi, l-Ewwel Qorti fl-ewwel udjenza tal-kawza hatret perit legali sabiex jigbor il-provi,

u espert veterinarju biex jiccertifika l-qaghda fizika taz-ziemel. Ghalhekk il-mertu tal-kaz ma kienx jinvolvi numru ta` deposizzjonijiet jew il-gbir ta` dokumenti li kienu jehtiegu ezami b`reqqa partikolari ; kwindi l-kaz ma kienx kompless. L-uniku esercizzju li kellu jsir kien illi l-perit legali jigbor il-provi u l-espert veterinarju jezamina z-ziemel. Skond ir-rikorrenti, il-kawza ma kellhiex tiehu wiehed u ghoxrin (21) sena sabiex tkun deciza fl-ewwel istanza.

"Skont ir-rikorrenti, zewg elementi ohra li kellhom ikunu kkunsidrati huma l-kondotta tal-partijiet, u l-mod kif il-Qorti kkonduciet il-kawza. Minn ezami tal-verbali jirizulta li b`kollox kien hemm 78 seduta quddiem l-Ewwel Qorti, bl-ewwel seduta tkun fid-29 ta` Jannar 1993 u l-ahhar wahda fit-13 ta` Frar 2014, dan apparti s-seduti peritali. L-ewwel seduta peritali saret fid-19 ta` Frar 1993 u l-ahhar wahda fil-5 ta` Dicembru 1997 ; b`kollox kien hemm 25 seduta. Mill-verbali ta` dawn s-seduti jidher li l-partijiet ma kienux jahtu ghad-dewmien. Bhala fatt it-tul gie mill-fatt ghaliex il-perit legali u l-espert veterinarju hadu zmien twil wisq sabiex jespletaw l-inkariki taghhom. Ghalkemm l-ahhar seduta quddiem il-perit legali kienet fil-5 ta` Dicembru 1997, ir-rapport peritali kien ipprezentat fil-15 ta` Frar 2007, cioe` ghaxar snin wara l-ahhar seduta. Ghalhekk sabiex ikun prezentat ir-rapport kienu lahqu ghaddew 14 il-sena mil-ewwel dehra tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Saret enfasi fuq id-dewmien mill-Ewwel Qorti, li kemm–il darba ssollecitat lill-periti gudizzjarji sabiex jikkonkludu r-rapport taghhom. Min-naha taghha, l-Ewwel Qorti hadet hames snin biex tiddeciedi l-kawza.

"Skont ir-rikorrenti huwa evidenti illi huma ma kellhom l-ebda kontroll fuq l-ghaliex il-kawza kienet differita diversi drabi. Lanqas ma kellhom kontroll fuq it-tul li hadu l-periti sabiex jirredigu u jipprezentaw ir-rapport. Lanqas ma kellhom xi kontroll ghat-tul li hadet il-Qorti biex taghti s-sentenza.

"Skont ir-rikorrenti, id-dewmien tal-periti gudizzjarji jibqa` r-responsabilita` tal-Qorti. [ara : **Joseph Gatt et vs Avukat Generali** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-29 ta` Lulju 2013 ; u **Wohlmeyer Bau GmbH vs Austria** deciza fit- 8 ta` Lulju 2004 mill-ECHR.

"Id-dewmien issarraf fi pregudizzju ghar-rikorrenti ghaliex spiccaw ikkundannati mill-Ewwel Qorti sabiex ihallsu l-imghax legali ghal tul ta` snin.

"**2) L-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali**

"Jinsisti fuq l-eccezzjoni tieghu illi mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti. In sostenn jirreferi ghas-sentenzi : **Dr.**

**Joseph Zammit Tabona et v. Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et** : Prim`Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) : 12 ta` Marzu 2015 ; **Raymond Cassar Torregiani et v. Avukat Generali et** : Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) : 27 ta` Settembru 2012 ; **Joseph Abela v. Onorevoli Prim Ministru** : Qorti Kostituzzjonali : fis-7 ta` Dicembru 1990 ; u **George Xuereb v. Registratur tal-Qrati et** : Qorti Kostituzzjonali : 8 ta` Novembru 2004.

"Jissottometti illi r-rikorrenti ma jistghux jindirizzaw fil-konfront tieghu l-ilment illi garrbu lezjoni tad-dritt fondamentali taghhom minhabba dewmien fid-determinazzjoni tal-kawza de qua billi r-raguni ghad-dewmien ma tistax tigi imputata lilu ghaliex ir-rwol tieghu huwa wiehed amministrattiv, u l-agir amministrattiv tieghu mhuwiex in diskussjoni.

"**3) L-intimat Avukat Generali**

"Jissottometti li hija gurisprudenza kostanti illi l-irragonevolezza taz-zmien m`ghandux jigi determinat fl-astratt jew skont in-numru ta` snin li tkun damet il-kawza, imma ghandhom jitqiesu c-cirkostanzi partikolari tal-kaz. L-ECHR stabbiliet il-kriterji li ghandhom jigu kkunsidrati sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragonevoli jew le. Dawn jinkludu :- i) in-natura u/jew komplessita tal-kaz ; ii) l-imgieba processwali tal-partijiet ; u iii) l-mod kif il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita gudizzjara. Dawn l-kriterji kienu applikati mill-Qrati taghna ghadd ta` drabi fosthom fil-kawzi : **Francis Said v. Avukat Generali** : Qorti Kostituzzjonali : 12 ta` Frar 2010 ; **Nazzareno Zarb et v. Avukat Generali** : Qorti Kostituzzjonali : 31 ta` Ottobru 2013 ; u **Sydney Ellul Sullivan v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** : Qorti Kostituzzjonali : 28 ta` Jannar 2013. Jissottometti l-ebda fattur ma huwa konklussiv imma l-Qorti ghandha tezamina l-fatturi kollha separatament sabiex tqis l-effett kumulativ fuq il-proceduri fl-intier taghhom.

"Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, jirrimarka illi minn ezami tal-verbali tal-kawza de qua jirrizulta li ghalkemm r-rikorrenti qed jilmentaw minn dewmien, huma damu diversi seduti sabiex jaghlqu l-provi taghhom. Inoltre kien id-dmir esklussiv taghhom li juru interess serju fil-kawza u jirsistu mal-avukat li kien qed jippatrocinahom sabiex l-proceduri jigu konkluzi. Mill-atti jirrizulta li l-mertu kien tekniku u kumpless u ghalhekk l-perit legali kien jehtieg l-assistenza ta` espert veterinarju. Minbarra minn hekk jirrizulta li r-rikorrenti ma kkooperawx meta kienu mitluba jikkonsenjaw z-ziemel fl-idejn ta` terzi. Ghalhekk il-fatt li n-natura tal-kaz kien jesigi perizja delikata u li r-rikorrenti damu diversi snin sabiex iressqu l-provi jmur kontra t-tesi tar-rikorrenti li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt taghhom ta` smigh xieraq. Jekk kien hemm xi dewmien, dan kien imputabbli ghal cirkostanzi barra

mill-kontroll tal-Qorti.

"Dwar ir-rimedju, l-Avukat Generali jissottometti illi tenut kont tal-fatt illi kwalunkwe dewmien li seta` kien hemm ma kienx imputabbli ghal nuqqas da parti tieghu, din il-Qorti m`ghandhiex tippenalizzah ghal dak id-dewmien. L-iskop tad-disposizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huwa sabiex jigu stabbiliti *standards* ; is-sejbien ta` vjolazzjoni hija r-rimedju ewlieni. Ghalhekk fic-cirkostanzi, ighid l-Avuklat Generali, dikjarazzjoni ta` ksur ghandha tkun bizzejjed (ara : **Major Paul Manduca v. l-Onorevoli Prim Ministru** : Qorti Kostituzzjonali : 23 ta` Jannar 1995). Fl-eventwalita` li l-Qorti tiddeciedi li tillikwida kumpens, allura l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-kumpens li nghata f`numru ta` sentenzi, b`dik l-aktar ricenti **Joseph Gatt et v. Avukat Generali** deciza fit-28 ta` Frar 2014 fejn il-Qorti Kostituzzjonali ghal kawza civili li damet madwar erbghin (40) sena allokat kumpens ta` €3,000.

"**IV. L-ewwel (1) eccezzjoni tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali**

"**L-Art 181B tal-Kap 12** jaqra :-

*"(1) Il-Gvern għandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*"Izda mingħajr pregudizzju għad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu :*

*"(a) kawzi għall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mill- Accountant General ;*

*"(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta` servizz mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*"(c) kawzi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal-Gvern jistgħu f`kull kaz isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

*"(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u l- azzjonijiet gudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jigu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*"(3) Kull rikors, guramentat jew le, jew att gudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jigi notifikat lil kull kap ta` dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Generali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta` dipartiment tal- gvern li jkun konvenut jew intimat fi*

*proceduri gudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jigi notifikat lill-kap jew kapijiet ta` dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill- Avukat Generali. In-notifika lill-Avukat Generali ssir bla ħlas lir-registratur.*

"Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi garrbu lezjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq minhabba dewmien, ikkagunat mill-operat tal-Qorti fil-mod kif **ikkonduciet l-iter** tal-kawza, inkluz il-kontroll tal-periti gudizzjarji li kienu mahtura mill-istess Qorti. Ma jirrizultax illi r-rikorrenti qeghdin jimputaw id-dewmien bhala lesiv ghad-dritt fondamentali taghhom b`xi mod ghall-operat tal-**amministrazzjoni** tal-Qrati, li hija rapprezentata mid-Direttur Qrati Civili u Tribunali.

"**Ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

"**V. L-ewwel talba**

"**Ir-rikorrenti qeghdin iressqu l-ilment taghhom abbazi tal-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni.**

"**L-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni** jaqra :-

*"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b`liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta` drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l- proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

"**L-Art 6(1) tal-Konvenzjoni** jaqra :-

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f` soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ l-fehma tal-qorti f`ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

"Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Dicembru 2015 fil-kawza **Zakkarija Calleja v. Avukat Generali** il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet rassenja tad-dottrina u tal-gurisprudenza in materja. Qalet :–

*"Fis-sentenza **David Marinelli vs Avukat Generali** (3 ta` Lulju 2008), il- Qorti irriteniet illi :*

*"B`mod generali, biex jigi determinat jekk is-smiegh f`xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f`dawk il-proceduri, u b`mod partikolari :*

*"1. in-natura u/jew komplessità tal-kaz in kwistjoni,*
*"2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza, u*
*"3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorità gudizzjarja stess.*

*"Fil-kawza **Francis Theuma vs Avukat Generali** (27 ta` Gunju 2003) intqal inoltre illi :*

*"S`intendi, dawn il-kriterji jridu jigi applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b`mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli".*

*"Fil-11 ta` Awissu 2003, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **John Bugeja vs Avukat Generali** affermat inoltre illi :*

*"Meta jinstab li kawza damet pendenti ghal zmien twil u damet irragonevolment biex inqatghet, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa l-htija ghad-dewmien fuq l-imhallef partikolari li jkun sema` l-istess kawza li damet. Ikun gudizzju x`aktarx immensament ingust li takkuza jew li tinsinwa li dak l-imhallef partikolari ikun tghazzen, tnikker jew generalment ma kienx diligenti f`xogholu. Dan ghaliex, fil-verità, l-abilità ta dak l-imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno tal-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta` kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq imhallef, in-numru sinjifikanti ta` kawzi godda li jigu assenjati lilu regolartment, u dawk li jista` "jiret" meta jirtira xi gudikant, il-kwalità u l-kumplessità tal-istess kawzi, jekk l-imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax r-rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl- istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi.*

*Id-dritt fundamentali tal-indivdwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi*

*tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t`amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma z-zewg kolonni l-ohra tal-istat, cioe` l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra kollha necessarji biex il-Qrati jkunu f`pozizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli".*

*"Il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta`* ***Zimmermann and Steiner vs Switzerland*** *sostniet li l-istati ghandhom l-obbligu "to organize their legal systems so as to allow the Courts to comply with the requirements of Article 6(1) including that of trial within a reasonable time (13 ta` Lulju 1983 para. 29).*

*"Ukoll fil-kaz ta`* ***Guincho vs Portugal*** *sahqet li stat ghandu l-obbligu li jforni bizejjed rizorsi ghad-disposizzjoni tas-sistema gudizzjarju sabiex ma jkunx hemm dewmien irragonevoli fil-proceduri (10 ta` Lulju 1984).*

*"F`dan l-isfond ghalhekk wiehed irid iqis il-fatturi kollha u c-cirkostanzi kompleti sabiex tkun tista` ssir evalwazzjoni tar-ragonevolezza o meno tad-dewmien lamentat.*

*"L-awturi Van Dijk and Van Hoof jispjegaw illi :*

*"When the length of the relevant period has been established, it must be subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each indivdual case".*

*"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza* ***Said vs Avukat Generali*** *(11 ta` Novembru 2011) irriteniet illi :*

*"Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista` ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux".*

"Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti tirrileva illi mill-atti li kienu esebiti tal-kawza "**Joseph Gatt vs Carmelo Seguna**" jirrizulta :-

"a) 29 ta` Jannar 1993 : kienu nominati bhala perit legali l-Av. Dr. Joseph Refalo u t-Tabib Veterinarju Lawrence Caruana bhala espert tekniku

“b) 26 ta` Frar 1993 : dehru biss l-espert veterinarju u d-difensur tal-attur ;

“c) 14 ta` Novembru 1995 : minn dan il-verbal huwa car li kienu l-partijiet li ma kienux qed jobdu l-ordnijiet tal-Qorti ;

“d) 24 ta` Gunju 1999 : wara li l-Qorti hadet konjizzjoni tal-fatt illi ma ttiehdux passi sabiex jigi ngunt xhud quddiem il-periti, awtorizzat lill-periti sabiex jghaddu ghar-rapport ;

“e) 8 ta` Marzu 2000 : il-Qorti awtorizzat lill-perit legali jirtira kopja tal-atti li kienu qeghdin fil-process u sabiex jghaddu ghar-rapport ;

“f) 30 ta` Jannar 2001 : il-Qorti ordnat lill-perit legali sabiex iqieghed l-atti kollha fil-pussess tieghu ghad-disposizzjoni tal-Qorti ;

“g) 3 ta` Frar 2004 : minhabba l-fatt li t-Tabib Veterinarju ma kienx ghadu lesta r-rapport tekniku, l-Qorti ordnat lill-perit legali sabiex ihejji r-rapport fuq l-provi li kellu u li jekk kellu bzonn assistenza teknika, kien mahtur Dr. Trevor Zammit ;

“h) 9 ta` Mejju 2006 : il-Qorti kienet infurmata li r-rapport kien prezentat fil-5 ta` Mejju 2006 ;

“i) 4 ta` Lulju 2006 : il-periti ma kienux ghadhom thallsu d-drittijiet dovuti ;

“j) 25 ta` Jannar 2007 : Il-periti kienu ghadhomx ma thallsux u l-konvenut ddecieda li jeffettwa l-hlas hu stess ;

“k) 17 ta` Jannar 2008 : wara r-rinunzja da parti tal-konvenut li jitlob il-hatra ta` periti addizzjonali, kien dikjarat maghluq l-istadju tal-provi, u l-Qorti tat zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw n-noti ta` osservazzjonijiet taghhom ;

“l) 22 ta` Jannar 2008 : il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex l-konvenut ikun jista` jipprezenta n-nota ta` sottomissjonijiet tieghu. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-10 ta` Gunju 2009 ;

“m) 10 ta` Gunju 2009 : il-konvenut rega` talab aktar zmien biex jipprezenta n-nota ta` sottomissjonijiet u kawza thalliet ghas-sentenza ghad-9 ta` Dicembru 2009 ;

“n) Is-sentenza inghat fit-13 ta` Frar 2014.

“Abbazi tal-istess atti jirrizulta :-

“i) Illi s-seduti peritali bdew fid-19 ta` Frar 1993 ;

“ii) Illi l-ahhar seduta nzammet fil-5 ta` Dicembru 1997 ;

“iii) Illi l-attur ghalaq l-provi sal-15 ta` Dicembru 1993, jigifieri wara sebgha (7) seduti li kienu qed jinzammu regolarment ;

“iv) Illi l-konvenut beda jressaq il-provi fit-13 ta` Jannar 1994 ;

“v) Illi l-gbir tal-provi baqa` regolari ghaliex fis-sitt xhur ta` wara saru ghaxar (10) seduti peritali ;

“vi) Illi s-seduti ma baqghux regolari wara s-16 ta` Gunju 1994. Miet il-konvenut u cioe` missier ir-rikorrenti ;

“vii) Illi sal-5 ta` Dicembru 1997 kienu ghadhom ghaddejjin is-seduti

“viii) Illi l-periti gudizzjarji hadu sitt (6) snin sabiex jirredigu r-rapport, u cioe` mit-8 ta` Marzu 2000 sal-5 ta` Mejju 2006.

“ix) Illi r-rikorrent dam sena sabiex jipprezenta n-nota ta` sottomissjonijiet u cioe` minn Gunju 2008 sa Gunju 2009 ; u

“x) Illi l-Ewwel Qorti hadet erbgha (4) snin sabiex taghti s-sentenza u cioe` mid-9 ta` Dicembru 2009 sat-13 ta` Frar 2014.

“Mill-ghadd ta` wiehed u ghoxrin (21) sena kemm damet il-kawza ghaddejja fl-ewwel istanza, kien hemm ghaxar (10) snin ta` inattavita` totali, ghaliex kien hemm sitt (6) snin sabiex tlesta r-rapport peritali u erba` (4) snin sakemm inghatat is-sentenza.

“**Wara li ezaminat l-atti esebiti, il-Qorti ssib li tenut kont tal-assjem ir-rikorrenti kellhom parti mhux sinjifikanti tar-raguni ghala l-kawza hadet it-tul biex tasal ghal sentenza fl-ewwel istanza. Id-dewmien li jista` jigi mputat lilhom kien ghall-fatt illi hadu aktar zmien sabiex iressqu u jaghlqu l-provi taghhom quddiem il-perit legali ; hadu b`kollox madwar erba` (4) snin mentri l-atturi ghalqu l-provi taghhom fi zmien sena. Il-Qorti qieset ukoll illi r-rikorrenti kellhom kontrotalba x`jippruvaw u xi jwiegbu in difesa. Kien ukoll fattur ta` dewmien il-fatt li l-konvenut dam fuq sena sakemm ipprezenta n-nota ta` sottomissjonijiet. Pero` apparti dawn il-fatturi, id-dewmien kien ikkawzat principalment mit-trapass ta` zmien sakemm kien prezentat r-rapport peritali u mid-dewmien sabiex inghatat s-sentenza. Fattur li jsostni l-istanza tar-rikorrenti huwa li fil-kors tal-kawza kienu r-rikorrenti li hallsu r-rapport tal-periti gudizzjarji minflok l-attur peress illi dan kien qed idum sabiex jeffettwa l-hlas.**

“**Stabbiliti l-fatti tal-kaz, il-Qorti sejra taghmel l-konsiderazzjonijiet taghha fl-isfond tat-tliet sitwazzjonijiet indikati mill-gurisprudenza bhala mizura tad-dewmien :-**

“**1)** **<u>In-natura u/jew komplessita tal-kaz</u>**

“Fil-kawza in kwistjoni, it-talbiet tal-attur kienu :

*“Tiddikjara li z-ziemel fuq imsemmi ma kienx tal-kwalita miftiehma u pattwita bejn il-kontendenti u/jew li l-kunsens tal-attur kien fil-mument tal-bejgh ivvizjat minn zball li jaqa fuq is-sustanza nnifisha tal-haga li kienet l-oggett tal- ftehim u/jew minhabba li dan il-kunsens kien karpit b`qerq ipprattikat mill-konvenut ;*

*“Sussegwentement tiddikjara bhala rexxiss u li ma holoq ebda effetti fil-ligi bejn il-kontendenti, il-bejgh taz-ziemel in kwistjoni ;*

*“Tikkundanna lill-konvenut irodd u jhallas lura lill-attur is- somma ta` LM4500 bl-imghaxijiet mill-prezenti sal- pagament effettiv u b`riserva ghal kull azzjoni ulterjuri ghad-danni ;*

*“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta` sekwestru u impediment ta` partenza datati 15 ta` Jannar 1993 u bil-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.*

“Apparti li pprezenta eccezzjonijiet fil-mertu, Carmel Seguna pprezenta wkoll kontrotalba.

“Il-Qorti tikkondividi s-sottomissjonijiet illi ghamlu r-rikorrenti fis-sens illi ghall-Qorti li tat is-sentenza fl-ewwel istanza kellux ikun komplikat jew insidjuz sabiex tasal ghal decizjoni fi zmien ragonevoli tenut kont tal-fatt li l-mertu xi ftit jew wisq kien jiddependi mill-kostatazzjonijiet u mill-konkluzjonijiet tal-espert tekniku. Li kellha taghmel il-Qorti tal-ewwel istanza kien illi zzomm kontroll assidwu fuq l-operat tal-periti gudizzjarji u mhux tippermetti li dawn jikkondizzjonaw negattivament fis-sens ta` tul bla bzonn l-iter tal-kawza. Barra minn hekk, in-natura legali tal-istanza ma kellhiex tiehu 21 sena biex tigi determinata fl-ewwel istanza.

“**2)** **<u>Il-kondotta tal-partijiet</u>**

“Ghalkemm kien hemm fattur kontributorja mill-partijiet ghad-dewmien, ma kienx in-nuqqas taghhom li principalment gab id-dewmien tal-kawza.

“**3)** **<u>Il-konduzzjoni mill-Qorti</u>**

“Kien dan il-fattur ewlieni tad-dewmien, kemm min-naha tal-periti

gudizzjarji kif ukoll min-naha tal-Qorti bhala tali. Il-Qorti kellha l-obbligu li tkun esigenti u rigoruza mal-periti gudizzjarji u tuza l-istrumenti kollha li taghtiha l-ligi sabiex tiddixxiplina l-operat tal-periti gudizzjarji. Ma kellha qatt tippermetti li l-periti gudizzjarji jiehu sitt snin sabiex jipprezentaw ir-relazzjoni taghhom. Apparti l-karenza ta` dixxiplina u kontroll fuq il-periti, il-Qorti stess imbaghad naqset serjament meta damet erba` snin ohra biex taghti s-sentenza.

"**Ghal din il-Qorti kien ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi illi fil-kawza in kwistjoni sehh dewmien lesiv ghall-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti kif tutelati bl-Art 39(2) tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6(1) tal-Konvenzjoni.**

"**VI. It-tieni talba**

"**Il-lezjoni li gab id-dewmien ma kienx kostitwit biss mill-fatt li l-gustizzja hadet zmien irragonevolment twil wisq sabiex tigi amministrata kif trid il-ligi izda ghaliex wasslet ghal tigrib finanzjarju kostitwit mill-fatt illi effett tas-sentenza in kwistjoni r-rikorrenti spiccaw inkorrew imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.**

"**Din il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li ghal-lezjoni anke materjali accertata u ppruvata li garrbu ghall-jedd fondamentali taghhom ta` smigh xieraq kif tutelat bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni, ir-rikorrenti haqqhom kumpens morali adegwat.**

"**Ghar-rigward tal-quantum tal-kumpens, il-Qorti sejra takkorda l-ammont ta` hamest elef Ewro (€5,000) in linea mal-ammont elargit fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta` Dicembru 2015 fil-kawza "Samuel Onyeabor v. Avukat Generali".**

"**Mhijiex sejra takkorda l-figura li nghatat fis-sentenza "Zakkarija Calleja v. Avukat Generali" (op. cit.) ghaliex tqis li c-cirkostanzi li wasslu lill-Qorti Kostituzzjonali sabiex tnaqqas l-ammont elargit mill-Ewwel Qorti f`dik il-kawza mhux applikabbli ghall-kawza tal-lum fis-sens illi fil-kaz tal-lum l-agir tar-rikorrenti ma kienx fattur determinanti ghad-dewmien.**"

## L-Appell

6. L-intimat appella b'rikors prezentat fil-21 ta' Marzu 2016 u qed

jibbaza l-appell tieghu fuq tlet aggravji: [1] li l-ewwel Qorti ma kellhiex tiddeciedi li c-cirkostanzi odjerni jiksru d-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti appellati u ma tatx id-debita konsiderazzjoni lill-fatt li r-rikorrenti appellati kienu responsabbli ghad-dewmien f'diversi modi; [2] li l-ewwel Qorti ma messhiex ordnatlu jhallas kumpens lir-rikorrenti fl-ammont ta' €5,000 u, [3] li l-ewwel Qorti ma messhiex ordnatlu jhallas l-ispejjez tal-kawza.

7. Ghalhekk l-intimat jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata fit-tielet, fir-raba', fil-hames u fis-sitt parti taghha fejn iddikjarat li kien hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti appellati ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u/jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fejn ordnat bhala rimedju li l-Avukat Generali ghandu jhallas lir-rikorrenti appellati s-somma ta' hamest elef Euro [€5,000] in linea ta' kumpens bl-imghax legali mid-data tad-decizjoni appellata u bl-ispejjez tal-kawza.

8. Min-naha taghhom ir-rikorrenti, fir-risposta tal-appell taghhomipprezentata fit-30 ta' Marzu 2016, qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata fejn cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat Avukat Generali u fejn laqghet l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti u sabiex tichad l-appell intavolat mill-intimat appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

9. B'rispostaipprezentata fid-19 ta' Mejju 2016, l-intimat Direttur wiegeb ghall-appell tal-Avukat Generali billi jghid *inter alia*, illi in kwantu l-ewwel Qorti iddecidiet li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur, tali sentenza hija gusta u timmerita konferma. Jghid ukoll li in kwantu dik il-parti tad-decizjoni ma gietx appellata, issa ghaddiet in gudikat u jitlob ghalhekk lil din il-Qorti tichad l-appell bhala infondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez.

**L-Aggravji**

10. Permezz tal-ewwel aggravvju, l-intimat appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta iddecidiet li c-cirkostanzi odjerni jiksru d-drittijiet fundamentali tal-appellati, u dan stante li ma tatx id-debita konsiderazzjoni lill-fatt li jirrizulta mill-atti tal-proceduri civili in kwistjoni li r-rikorrenti appellati kienu responsabbli ghad-dewmien f'diversi modi.

11. Jissottometti inter alia, illi mill-atti tal-proceduri in kwistjoni jidher car li missier ir-rikorrenti u sussegwentement l-appellati ma ezercitawx id-diligenza ta' *bonus pater familias* sabiex il-proceduri jigu konkluzi u ma intraprendewx xi inizzjattiva tempestiva biex verament jissolecitaw l-ispeditezza f'dawk il-proceduri. Jghid li l-ewwel Qorti ghamlet

apprezzament hazin tal-fatti konnessi ma' dawk il-proceduri u ma messhiex sabet lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti in kwantu b'mod sinifikanti ikkontribwew ghad-dewmien. Jikkwota kazistika patria u Europea in sostenn tal-fatt li sabiex tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq minhabba dewmien irragjonevoli jehtieg illi tigi ezaminata wkoll il-kondotta taz-zewg partijiet.

12. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tieghu l-intimat appellant jissottometti, inter alia, illi fl-isfond ta' dak sottomess fl-ewwel aggravju ma ghandha tinstab ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, izda jekk il-Qorti jidrilha li kien hemm tali lezjoni, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun bizzejjed. In sostenn ta' dan huwa jikkwota s-sentenza fil-kawza fl-*ismijiet* **Francis Bezzina Wettinger et v. Avukat Generali et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2003, fejn il-Qorti iddecidiet li, stante illi r-rikorrent ikkontribwixxa sostanzjalment ghad-dewmien tal-proceduri, dikjarazzjoni ta' lezjoni tal-imsemmi dritt, fiha nfisha, kienet bizzejjed f'dak il-kaz.

13. It-<u>tielet aggravju</u> jikkoncerna l-fatt illi skont l-intimat, ghar-ragunijiet imfissra fl-ewwel zewg aggravji, l-ewwel Qorti ma messhiex ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-kawza bl-eccezzjoni tal-ispejjez tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali.

14. Ir-rikorrenti appellati jwiegbu ghall-appell tal-intimat billi jikkwotaw kazistika Eswropea u nostrana in sostenn tas-sottomissjoni taghhom illi huwa dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawza mismugha u finalizzata fi zmien ragjonevoli, liema dritt jimponi oneru fuq l-istat li jezercita diligenza specjali fit-tmexxija tal-proceduri.

15. Jissottomettu illi, kif qalet l-ewwel Qorti, mill-wiehed u ghoxrin sena li damet ghaddejja l-kawza, kien hemm ghaxar snin ta' inattivita` gudizzjarja totali, sitt snin biex tlesta r-rapport peritali u erba' snin sakemm inghatat is-sentenza. Jghidu li l-kaz ma kienx wiehed ta' certu kumplessita` u l-uniku ezercizzju li kellu jsir kien li jingabru l-provi quddiem il-perit legali u li z-ziemel jigi ezaminat mill-veterinarju. Dan zgur li ma kellux jiehu wiehed u ghoxrin sena biex jigi esegwit u l-kawza tigi deciza. Jghidu wkoll illi parti sostanzjali tal-proceduri ttawwlu peress illi l-perit legali u l-veterinarju damu tul ta' snin sabiex jespletaw l-inkarigu taghhom, filwaqt li l-ewwel Qorti damet imbaghad hames snin sabiex taghti s-sentenza.

16. Jghidu li ghalkemm seta' kien hemm dewmien da parti taghhom ghaliex hadu erba' snin sabiex jaghlqu l-provi taghhom, wiehed irid jikkonsidra li huma kellhom kontro-talba x'jippruvaw. Jghidu wkoll li huma kienu hallsu l-ispejjez tal-periti minflok l-attur in kwantu hu kien qieghed idum biex ihallas.

17. Jissottomettu li apparti l-incertezza li kellhom sakemm inqatghet il-kawza, u l-inkonvenjent ikkawzat lilhom, huma soffrew pregudizzju materjali kbir stante li l-ewwel Qorti ordnat ir-rifuzjoni tal-prezz kif ukoll il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-hlas effettiv.

18. Da parti taghhom, ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, anke f'dak li jirrigwarda spejjez.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*L-Ewwel Aggravju*

19. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Zakkarija Calleja v. Avukat Generali** deciza fil-15 ta' Dicembru 2015, fejn gie enuncjat:

> "… … … jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Europea, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali.[2]

[2] Vide Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII

17. Inoltre "*l-fattur taz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz [ara Applik Nru 1103/6 kontra l-Belgju]*".[3]

…… Omissis ……

> "As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v. Commission, paragraph 181 and the case-law cited).
>
> "…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v. Commission, paragraph 182 and the case-law cited)".[4]

19. Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm ilpersuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta' demokratika.[5] Dan ifisser illi kull kaz ghan du jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu. Dan il-principju japplika wkoll ghall-proceduri civili."

20. Fil-mertu jigi osservat li fil-kawza numru 42/93AF fl-ismijiet **Joseph Gatt v. Carmelo Seguna** jirrizulta dewmien sostanzjali ta' aktar minn ghoxrin sena. In sintezi dwar l-attivita` gudizzjarja rilevanti ghal dik il-kawza, din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali tal-kawza in kwistjoni, taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet fattwali.

21. Fl-ewwel seduta quddiem dik il-Qorti tad-29 ta' Jannar 1993,

[3] PA Anthony Camilleri v. L-intimat 22/03/2012 [konfermata fl-appell fit-18/09/2012]
[4] Grand Chamber, Kendrion NV v. European Commission, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97
[5] Q.Kos. Emanuela Brincat v. A.G., 21/2/1996 [Vol.80]

kienu gew nominati l-Avukat Dr. Joseph Refalo bhala perit legali u t-Tabib Veterinarju Lawrence Caruana bhala espert tekniku. L-ewwel seduta peritali nzammet fis-17 ta' Frar 1993. L-attur f'dik il-kawza ghalaq il-provi tieghu quddiem il-Perit Legali fil-15 ta' Dicembru 1993. L-awtur tal-atturi ta' llum (konvenut f'dik il-kawza) beda jressaq il-provi tieghu fit-13 ta' Jannar 1994. L-ahhar seduta peritali saret fil-5 ta' Dicembru 1997, u l-ahhar xhud tal-konvenut f'dik il-kawza[6] xehed quddiem il-Qorti fl-24 ta' Gunju 1999.

22. Fit-8 ta' Marzu 2000, il-Qorti awtorizzat lill-perit legali jirtira kopja tal-atti li kienu qeghdin fil-process sabiex flimkien mal-espert tekniku jkunu jistghu jghaddu ghar-rapport. Wara bosta differimenti, fit-3 ta' Frar 2004, il-Qorti giet infurmata li t-Tabib Veterinarju ma kienx ghadu lesta r-rapport tekniku u ghalhekk ordnat lill-perit legali sabiex ihejji r-rapport fuq l-provi li kellu u ghal bzonn ta' assistenza teknika, gie mahtur Dr. Trevor Zammit ghal tali skop. Fid-9 ta' Mejju 2006, il-Qorti giet infurmata li r-rapport kien prezentat fil-5 ta' Mejju 2006. Jirrizulta li fil-25 ta' Jannar 2007, il-periti kienu ghadhom ma thallsux mill-attur u l-konvenut iddecieda li jeffetwa hu stess tali hlas.

23. Fis-17 ta' Jannar 2008, il-Qorti halliet il-kawza ghall-ipprezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet. L-attur ipprezenta n-nota tieghu

[6] Li kien Mario Farrugia

fis-17 ta' April 2008 in ottempranza mad-digriet tal-Qorti, izda ghalkemm il-konvenut kellu sal-ahhar ta' Gunju 2008 sabiex jipprezenta n-nota tieghu, wara bosta differimenti u talbiet ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni ghas-sentenza, il-konvenut ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fl-1 ta' Gunju 2012, erba' snin wara li l-kawza kienet thalliet ghal tali skop.[7]

24. L-ewwel darba li l-kawza thalliet ghas-sentenza kienet waqt l-udjenza tas-17 ta' Jannar 2008, li fiha l-Qorti akkordat zmien lill-partijiet ghall-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet, u iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-14 ta' Ottubru 2008. Izda fl-14 ta' Ottubru 2008, is-sentenza giet sospiza sabiex il-konvenut jipprezenta n-nota tieghu. Wara bosta differimenti ghall-istess skop, il-konvenut ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fl-1 ta' Gunju 2012. Wara din id-data, il-kawza baqghet tigi differita u s-sentenza inghatat fit-13 ta' Frar 2014, kwazi sentejn wara li l-konvenut kien ipprezenta n-nota tieghu u hames snin u nofs wara li l-kawza thalliet ghall-ewwel darba ghal tali skop.

25. Minn ezami tal-*iter* processwali, kif ukoll mis-sunt hawn fuq riportat jirrizulta illi d-dewmien fl-odjerni proceduri sehh principalment ghas-segwenti ragunijiet:

---

[7] Il-konvenut dam erba' snin biex ipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu u mhux sena kif intqal fis-sentenza appellata.

[1] id-dewmien ta' kwazi sitt snin sabiex il-konvenut jaghlaq il-provi tieghu;[8] [2] id-dewmien ta' kwazi sitt snin da parti tal-periti gudizzjarji sabiex jirredigu r-rapport taghhom;[9] [3] id-dewmien ta' kwazi erba' snin da parti tal-konvenut sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu[10] u, [4] it-trapass ta' sentejn mill-prezentati tan-noti tal-osservajonijiet sabiex tinghatha s-sentenza.[11]

26. Dan kollu jissarraf f'kumulu ta' madwar tnax-il sena ta' inattivita` gudizzjarja, attribwibbli mhux biss lill-periti gudizzjarji u lill-Qorti illi tibqa' finalment responsabbli ghall-andament tal-kawzi quddiemha, izda wkoll tar-rikorrenti [allura konvenuti] illi wkoll ikkontribwixxew mhux ftit ghad-dewmien tal-kawza.

27. Din il-Qorti tosserva li, minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-inerzja tal-periti gudizzjarji fl-esekuzzjoni tal-inkarigu taghhom, kien l-obbligu tal-awtorita` gudikanti illi tizgura li tali dewmien ma jigix permess. Kif spiss gie osservat minn dawn il-qrati, fl-ahhar mill-ahhar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw mill-process gudizzjarju, u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragjonevoli minghajr il-

[8] Jirrizulta mill-atti tal-kawza in kwistjoni illi l-konvenut beda jressaq il-provi tieghu quddiem il-Perit Legali fit-13 ta' January 1994 u ikkonkluda l-provi tieghu permezz tax-xhud Mario Farrugia waqt l-udjenza tal-24 ta' Gunju 1999.
[9] Mit-8 ta' Marzu 2000 sal-5 ta' Mejju 2006.
[10] Mill-ahhar ta' Gunju 2008 sal-1 ta' Gunju 2012.
[11] Thalliet l-ewwel darba ghas-sentenza ghall-14 ta' Ottubru 2008; in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut giet ipprezentata fl-1 ta' Gunju 2012, u s-sentenza nghatat fit-13 ta' Frar 2014.

htiega li toqghod tistenna lill-partijiet jattirawlha l-attenzjoni ghad-dewmien ingustifikat fl-andament tal-proceduri.[12]

28. Inoltre, kif ben sottomess mir-rikorrenti appellati, ghalkemm kienet kawza b'element tekniku, ma kinitx kawza ta' kumplessita` tali li timmerita tant u tant snin sabiex tigi deciza. Apparti s-seduta peritali, kienet mehtiega vizta teknika da parti tal-veterinarju imqabbad mill-Qorti sabiex ikun jista' jigi mhejji r-rapport, u kieku dan kollu sar minghajr dilungar zejjed, zgur li l-kaz kien jigi deciz fi zmien ferm iktar qasir minn wiehed u ghoxrin sena.

29. F'sentenzi ricenti fl-ismijiet **Vincent Curmi noe v. Avukat Generali et**, deciza fl-24 ta' Gunju 2016, din il-Qorti, dwar il-kumplessita` tal-kaz u dewmien min-naha tal-esperti gudizzjarji ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

> "68. Rigward it-test tal-kumplessita`, din il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-kaz kien ta' xi komplessita` oltre l-medja, u ghalhekk l-istat ma jistax jigi ezonerat mir-responsabbilta` ghad-dewmien ta' 21 sena sakemm gew konkluzi dawk il-proceduri.
>
> 69. Dwar id-dewmien ikkawzat fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu da parti tal-esperti nominati minn qorti, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Wohlmeyer Bau GMBH v. Austria**24 deciza fit-8 ta' Lulju 2004, dik il-Qorti osservat li:
>
>> "The Court notes in this context that an expert's work in the context of judicial proceedings is supervised by a judge who remains responsible for the preparation and speedy conduct of the proceedings [see,

[12] Vide PA **Joseph Gatt et v. L-Avukat Generali**, 29/07/2013 [deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2014]

> among other authorities, Peryt v. Poland, no. 42042/98, § 57, 2 December 2003]".

30. Dawn il-principji japplikaw ghall-kaz odjern fl-intier taghhom. Id-dmir ahhari sabiex tigi zgurata sistema gudizzjarja efficjenti u li tassigura gustizzja lil kulhadd huwa tal-iStat, hawnhekk rapprezentat mill-intimat.

31. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tal-intimat appellant qed jigi respint in kwantu infondat.

*It-Tieni Aggravju*

32. Permezz tat-tieni aggravju tieghu, l-intimat appellant jissottometti illi kumpens ta' €5,000 huwa eccessiv, u anke jekk il-Qorti kellha ssib vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, semplici dikjarazzjoni ta' lezjoni kellha tkun bizzejjed.

33. Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha f'sentenza simili ghall-kaz odjern, fl-ismijiet **Iris Cassar v. Avukat Generali**, fejn inghad li:

> "Fil-fehma ta' din il-qorti, għalhekk, kien hemm nuqqas kemm tal-ewwel qorti fit-tmexxija tal-kawża, nuqqas inerenti fis-sistema u nuqqas tal-partijiet, fosthom l-atturi stess. Ladarba d-dmir ewlieni li tmexxi l-kawżi b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet, jaqa' fuq il-qorti, u ladarba wkoll hemm dmir fuq l-awtorità pubblika li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qorti tkun tista' twettaq id-dmir tagħha, din il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-istat għandu jkun esonerat minn responsabilità għal dewmien ta' għexieren ta' snin biex

> tinqata' kawża ta' komplessità mhux aktar mill-medja. Il-qorti dan tgħidu mingħajr ma b'hekk tnaqqas xejn mir-responsabilità kontributorja tal-atturi stess illi għandha jkollha rele-vanza għal-likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut.[13]

34. Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghalkemm l-ewwel Qorti tghid li r-rikorrenti ikkontribwew ghad-dewmien billi hadu madwar erba' snin sabiex ikkonkludew il-provi taghhom, kif ukoll billi damu sena biex ipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom[14], dik il-Qorti ma tatx piz bizzejjed ghal dawn in-nuqqasijiet tar-rikorrenti meta ikkomputat il-kumpens fl-ammont ta' €5,000 bhala danni kemm pekunjarji kif ukoll non-pekunjarji.

35. Jibqa' pero` l-fatt li, tenut kont tad-dewmien bla dubju esagerat u mhux gustifikat fil-proceduri in kwistjoni, din il-Qorti ma taqbilx mal-intimat appellant illi semplici dikjarazzjoni ta' lezjoni ghandha tkun bizzejjed. Tenut kont ta' dan kollu, izda wkoll tal-fatturi li jimmilitaw kontra r-rikorrenti, din il-Qorti jidhrilha illi l-ammont ta' €3,000 huwa rimedju adegwat ghal-lezjoni subita minnhom meta tqis li dan il-kumpens huwa kemm ghad-danni pekunjarji kif ukoll ghal dawk non-pekunjarji.

---

[13] App.S 30/2013, 27 ta' Marzu 2015 [citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza **Joseph Gauci v. Avukat Generali**, 24 ta' Gunju 2016]

[14] Jigi ribadit illi r-rikorrenti (allura konvenuti) damu erba' snin ma pprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

36. Ghalhekk, it-tieni aggravju qieghed jigi milqugh limitatament billi l-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti qed jigi ridott ghal €3,000.

*It-Tielet Aggravju*

37. Tenut kont li l-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti giet ikkonfermata f'dan il-gudizzju din il-Qorti ma tara ebda raguni gravi bizzejjed sabiex tvarja l-ispartizzjoni tal-ispejjez maghmul mill-ewwel Qorti.

38. Ghaldaqstant dan it-tielet aggravju tal-intimat appellant qed jigi respint.

Decide

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' limitatament it-tieni aggravju tal-intimat, tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti akkordat kumpens ta' hamest elef euro €5,000 u, minflok tirriduci l-ammont tal-kumpens dovut mill-intimat appellat lir-rikorrenti ghas-somma ta' tlett elef euro [€3,000].

L-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu invarjati, mentri l-ispejjez tal-appell ghandhom jinqasmu kwantu ghal zewg terzi ($^2/_3$) a karigu tal-intimat u r-

rimanenti terz ($^1/_3$) a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df/mb